22001D0130



# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 130/2001

## tat-23 ta' Novembru 2001

## li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fiżjosanitarji) għall-ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li aġġusta il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2001 tas-26 ta' Ottubru 2001 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2000/27/KE tat-2 ta' Mejju 2000 li temenda id-Direttiva 93/53/KEE: li daħħlet miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard tal-ħut ([2]) għandha tkun imdaħħla f'dan il-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni ma għandiex tgħodd għall-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej irid jiżdied ma' punt 7 (Direttiva tal-Kunsill Nru 93/53/KEE) f'Parti 3.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"– **32000 L 0027**: Direttiva tal-Kunsill Nru 2000/27/KE tat-2 ta' Mejju 2000 (ĠU L 114, tat-13.5.2000, p. 28)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2000/27/EC fil-lingwa tal-Islanda u Norveġiża, li ser jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, ser ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Novembru 2001, iżda n-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 322, tas-6.12.2001, p. 6.
([2]) ĠU L 114, tat-13.5.2000, p. 28.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Novembru 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

E. BULL